**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR162095** **29.09.2016**

**L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati inawgura l-Wirja 'Science in the House 2016', parti mill-*European Researchers' Night / Science in the City***

Dalgħodu, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia inawgura l-wirja 'Science in the House 2016', li tagħmel parti mill-*European Researchers' Night / Science in the City.*

Fid-diskors tiegħu, l-Ispeaker iddeskriva l-wirja 'Science in the House 2016' bħala vetrina tal-ħidma u x-xogħol tal-akkademiku u l-istudjuż Malti fil-kwiet, bil-għan li jitjiebu l-ħajja u l-għajxien tal-bniedem. Dan hu valur sabiħ li għandu jkun rikonoxxut minn kulħadd, għaliex ħidmet l-istudjuż isib il-qofol tiegħu propju fit-titjieb tal-għajxien tal-umanità. Il-bniedem għandu jkun iċ-ċentru ta' kull programm ta' riċerka fil-mediċina u l-kirurġija, il-ħsieb laterali (*lateral thinking*), l-inġinerija, l-informatika, u x-xjenzi soċjali.

L-Ispeaker qal li jqis din il-wirja bħala rendikont annwali jew rapport ta' ħidma mir-riċerkaturi Maltin tal-istudju li huma qegħdin jagħmlu u jwettqu taħt l-awspiċi tal-Università ta' Malta u istituzzjonijiet oħra f'Malta, bħalma huma l-*MCAST* – Il-Kulleġġ tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija ta' Malta, il-Kunsill Malti tax-Xjenza u t-Teknoloġija (*MCST*) u l-*Malta Life Sciences Park*.

Ir-riżultati miksuba mir-riċerkaturi Maltin għandhom isaħħu l-fehma tagħna għal aktar investiment fir-riċerka u t-tagħlim. L-ideat innovattivi tal-akkademiku u l-istudjuz għandhom jirċievu l-appoġġ neċessarju, l-aktar meta dawn jistgħu jwasslu għal aktar titjib fil-livell ta' għajxien tal-umanità.

Fit-tmiem id-diskors tiegħu, L-Ispeaker sellem il-kontribut kbir li taw l-istudjużi Maltin kollha, u b'mod partikulari, dawk li f'din edizzjoni ta' *Science in the House* qed jingħataw ġieħ.

Preżenti għal din l-okkażjoni kien hemm il-Ministru għall-Edukazzjoni u Xogħol Evarist Bartolo, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili Helena Dalli, is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport Chris Agius, il-*Whip* tal-Oppożizzjoni David Agius, il-Membru Parlamentari Luciano Busuttil, ir-Rettur tal-Università ta' Malta il-Professur Alfred Vella, u ċ-*Chairman* ta' *Science in the City / European Researchers' Night Consortium* Alex Felice.

Il-pubbliku jista' jżur din il-wirja fil-bini tal-Parlament bejn il-Ħamis 29 ta' Settembru u l-Ħamis 6 ta' Ottubru 2016, matul il-ġimgħa bejn id-09.00 ta' filgħodu u l-05.00 ta' wara nofsinhar; u l-Ħadd bejn id-09.00 ta' filgħodu u 12.00 nofsinhar.

**Attachments: photos**



**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**